**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 3 ta' Frar 2016**

**App. Nru. 186/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Bonnici**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi John Bonnici, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 578448(M), talli fit-28 ta' Ottubru 2009 għall-ħabta tal-10:30 p.m. ġewwa ċ-Ċentru Laburista, Triq Tumas Dingli, Attard u/jew f'dawn il-Gzejjer Maltin:

(1) volontarjament kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied u storbju;

(2) għamel lil Richard Vella nġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra f'dan il-Kodiċi jew jekk kien ipprovokat inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limitu tal-provokazzjoni;

(3) ħebb għall-istess Richard Vella u kkaġunalu ġrieħi ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat Dr. Louise Gatt Reg. 2189 tal-Mosta Health Centre.

Il-Qorti tista' meta jidhrilha xieraq, biex tipprovdi għas-sigurta` tal-persuna ta' ħaddieħor jew jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-23 ta' April 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(dd), 339(e), 221(1) u 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi John Bonnici ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontrih u kkundannatu multa ta' mitejn euro (€200) u rabtitu b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu skond l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex iżomm il-kwiet ma' l-imsemmi Richard Vella u jżomm il-bon ordni pubbliku ma' kulħadd taħt penali ta' €250 fin-nuqqas u dan għal perijodu ta' tnax-il xahar;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi John Bonnici ppreżentat fid-29 ta' April 2013 fejn talab li din il-Qorti:

(1) tiddikjara s-sentenza appellata nulla minħabba difett essenzjali skond l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali, u sabiex ma jiġix ipprivat mid-*doppio esame*, li din il-kawża terġa' tiġi rimessa lil Qorti tal-Prim' istanza għall-ġudizzju tagħha mill-ġdid; jew alternattivament u sussidjarjament;

(2) tiddikjara li l-azzjoni kriminali fir-rigward tal-imputazzjonijiet kontravenzjonali kollha, bħala preskritti ai termini tal-artikolu 688(f) tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant tirrevokaha in kwantu sabitu ħati tal-imsemmija imputazzjonijiet, u tirrevokaha in kwantu sabitu ħati a bażi tal-provi prodotti u tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjonijiet rimanenti; jew alternattivament u sussidjarjament;

(3) tirrevokaha in kwantu sabitu ħati a bażi tal-provi prodotti u tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih; jew alternattivament u sussidjarjament;

(4) fl-eventwalita` li tikkonferma l-ħtija, li tvarja l-piena inflitta billi tinfliġġi piena aktar miti, ġusta u ekwa għall-każ odjern;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xhieda; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Din il-Qorti sejra tikkunsidra l-aggravji ta' l-appellant John Bonnici *seriatim*:

## 6. <u>In-Nullita` tas-sentenza</u>

"L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jishaq li l-Qorti, meta tghaddi sabiex taghti s-sentenza taghha, ghandha ttenni l-fatti li taghhom l-akkuzat ikun instab hati, taghti l-piena, u tikkwota l-artikoli tal-Ligi ljikkontemplaw r-reat li l-hati gie misjub hati tieghu.

"Fil-kaz odjern, l-esponenti gie mressaq fuq imputazzjonijiet elenkati fi tliet numri, izda madanakollu analizi bir-reqqa tal-imputazzjonijiet li ffaccja turi bic-car li gie mixli b'erba imputazzjonijiet, u mhux tlieta!

"It-tielet imputazzjoni fic-*charge sheet*, u cioe' li "Hebbejt ghall-istess Richard Vella u kkagunajtlu griehi ta' natura hafifa....", hija maghmula minn zewg imputazzjonijiet, u mhux wahda.

"Dana ghaliex din l-imputazzjoni hija maghmula mir-reat taht l-artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali, u cioe` il-kagunar ta' griehi hfief, kif ukoll il-kontravenzjoni taht l-artikolu 339(d) tal-Kodici Kriminali, li ttenni li huwa hati ta' kontravenzjoni kull min ihebb kontra persuna sabiex jingurja, idejjaq, jew jaghmel hsara lill-istess persuna jew lil haddiehor.

"L-artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali jipprojbixxi l-kagunar ta' griehi, u mhux l-att ta' meta wiehed ihebb ghal xi hadd. Ghaldaqstant huwa evidenti li l-esponent ma setax jinstab hati talli hebb ghal Richard Vella u kkagunalu griehi ta' natura hafifa minghajr ma l-Qorti tara l-kontravenjzoni msemmija fl-artikolu 339(d) tal-Kap 9.

"Huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li meta l-Qorti ma tikkwotax l-artikoli kollha tal-Ligi li jikkontemplaw ir-reati li taghhom jinstab hati l-imputat, is-sentenza hija nulla.

"Ghaldaqstant l-esponenti umilment jissottometti illi s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti hija nulla a bazi tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali ghax l-istess Onorabbli Qorti ma kkwotatx l-artikolu 339(d) tal-Kodici Kriminali fis-sentenza taghha."

**7.** L-artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li huwa ħati ta' kontravvenzjoni kull min **"iħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, <u>kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi</u>"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Pace** deċiż fid-9 ta' Mejju 1997 intqal:

**"Din il-kontravvenzjoni kontra l-persuna ssehh meta persuna thebb kontra persuna ohra sabiex tingurja, iddejjaq jew taghmel hsara lil dik il-persuna l-ohra jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi**

**disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali. Biex persuna thebb kontra persuna ohra ma hemmx ghalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiziku; bizzejjed li jkun hemm il-potenzjalita` ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fizika indirizzata lejn dik il-persuna ohra. Forsi t-test Ingliz ta' din il-kontravvenzjoni jiddeskrivi ahjar il-kuncett ta' 'hebb': '*… attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or others …*' (enfasi mizjuda). Jekk ikun hemm kuntatt fiziku *multo magis* wiehed jista' jghid li wiehed hebb ghal persuna ohra, sakemm il-fatt ma jammontax ghal xi reat iehor jew reat aktar gravi"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

**8.** Fil-każ in eżami, huwa evidenti illi r-reat li bih qiegħed jiġi akkużat l-appellant fit-tielet imputazzjoni huwa "reat aktar gravi", dak li kkaġuna offiżi ta' natura ħafifa. Jiġifieri f'dan il-każ il-prosekuzzjoni qed tallega li kien hemm kuntatt fiżiku li wassal għal offiżi fuq Richard Vella. Kien ikun aħjar li kieku ġiet evitata l-kelma "ħebb" fl-imputazzjoni, iżda din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju illi l-appellant kien jaf biex kien qiegħed jiġi akkużat. Wara kollox:

**"ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data ii jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: '*La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore*' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba 1-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet I1-Pulizija vs Noel Zarb Adami)."**[1]

**9.** L-artikolu 339(1)(d) stess jipprovdi: **"kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi"**. U dan huwa preċiżament każ fejn il-fatt allegat jaqa' taħt disposizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 221(1). Għalhekk ma kien hemm l-ebda ħtieġa li l-ewwel Qorti tirreferi għall-artikolu 339(1)(d). Konsegwentement l-ewwel aggravju hu miċħud.

---

[1] Appell Kriminali **Il-Pulizija** v. **Joseph Buttigieg,** 25 ta' Lulju 1994.

## 10. Il-Preskrizzjoni

"L-artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali jistabilixxi terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet xhur ghall-kontravenzjonijiet kollha. Huwa palesi li l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, ibbazati fuq l-artikolu 338(dd) u 339(e) tal-Kodici Kriminali rispettivament, huma kontravenzjonijiet istantanji, hekk kif inhi kontravenzjoni wkoll l-imputazzjoni li l-esponenti hebb ghal Richard Vella, li taqa' taht l-artikolu 339(d) tal-Kap 9.

"L-esponenti ghalhekk umilment jissottometti illi qatt ma seta' jinstab hati ta' dawn l-imputazzjonijiet ghaliex il-preskrizzjoni taht is-*supra citat* artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali kienet diga' waqqghet l-azzjoni kriminali fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet ta' natura kontravenzjonali.

"Il-Kodici Kriminali, fl-artikolu 694, itenni illi imputat ma jistax jirrinunzja ghall-preskrizzjoni fil-kamp kriminali, u l-preskrizzjoni ghandha tigi applikata mill-Qorti *ex officio,* u ghaldaqstant l-esponenti umilment isostni illi l-Ewwel Onroabli Qorti kellha ssibu mhux hati tal-imputazzjonijiet kontravenzjonali msemmija ghaliex kellha tapplika l-preskrizzjoni taht l-artikolu 688(f) tal-Kap. 9."

**11.** Kif tajjeb jgħid l-appellant, l-ewwel żewġ imputazzjonijiet huma reati ta' natura kontravvenzjonali li l-azzjoni kriminali fir-rigward tagħhom taqa' bid-dekorriment ta' tliet xhur. Ir-reati addebitati kontra l-appellant ġew allegatament kommessi fit-28 ta' Ottubru 2009. Iċ-ċitazzjoni nħarġet mill-Pulizija Eżekuttiva fil-31 ta' Mejju 2010, ftit aktar minn seba' xhur wara l-inċident in kwistjoni. Kwindi m'hemmx dubju li l-azzjoni fir-rigward ta' l-ewwel żewġ imputazzjonijiet hi preskritta. Dwar l-artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, mhuwiex il-każ li tippronunzja ruħha.

## 12. L-apprezzament tal-Provi

"L-esponenti umilment jishaq li, minghajr pregudizzju ghas-suespost, a bazi tal-provi ma seta' qatt jinstab hati.

"Ix-xhud Lawrence Darmanin fid-depozizzjoni tieghu tenna biss li ma kienx fil-Kazin Laburista dakinhar tal-incident, u ma ntalab jixhed fuq xejn aktar.

"Simone Buhagiar xehdet li kellha problemi ohra mal-esponenti, izda fir-rigward tal-incident li ta' lok ghall-imputazzjonijiet odjerni ma kinitx fil-Kazin Laburista. Buhagiar xehdet biss li rceviet telefonata mill-barman Patrick Sammut li qalilha li kienu nqalghu xi problemi mal-esponenti. Madanakollu, dana ma huwa xejn hlief *hearsay* li jista' jservi biss bhala prova li Sammut verament cempel lil Buhagiar u qalilha dawn il-kliem, u bl-ebda mod ma jista' jservi bhala prova li l-incident tassew inqala'.

"Joseph Catania xehed li kien fil-Kazin Laburista ftit qabel ma nqala' l-allegat incident u ma ra xejn hlief lill-appellant jersaq lejn Richard Vella bi *drink* f'idu b'mod assolutament normali, u lil Vella li rreagixxa billi qallu 'nehhi t-tazza

minn hemm ghax dawn l-affarjiet idejquni', minkejja l-fatt li l-esponenti resaq lejh b'mod normali u mhux tefaghlu t-tazza ma' wiccu jew agixxa b'mod iehor provokattiv.

"**Inoltre Victor Mamo xehed li Richard Vella mqabbad mal-appellant.**

"A bazi tas-suespost l-esponenti umilment ma jistax jifhem kif wiehed jista' jasal ghall-konvinciment morali necessarju fil-kamp kriminali li l-esponenti huwa hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

"Hawnhekk huwa pertinenti li wiehed jikkwota mis-sentenza ricenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizjia vs Borg Tania**"[2] fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

"*'Di fatti, kif gja gie spjegat f'dan l-appell, huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza Maltija illi fi procedimenti penali, l-prosekuzzjoni mhux biss ghandha ggib l-ahjar prova li f'dan il-kaz ma gabitux imma aktar minn hekk kull prova li ggib ghandha tkun inekwivoka u li ma thalli l-ebda dubju ragjonevoli f'mohh il-gudikant dwar l-akkuzi migjuba kontra l-appellanta.'*

"Umilment l-appellant jissottometti illi meta jigu miflija l-provi kollha prodotti, il-prosekuzzjoni ma lehqitx, bil-provi taghha, il-grad ta' *beyond reasonable doubt* necessarju fil-kamp kriminali. Di fatti l-Ewwel Onorabbli Qorti, fid-decide taghha, tenniet illi *"x-xhieda xxaqleb kontra l-imputat u favur il-parte civile"*. Bid-dovut rispett lejn l-Onorabbli Qorti, din il-frazi hija pjuttost infelici, ghaliex tindika fl-umli fehma tal-esponenti li l-Qorti kienet qieghda tanalizza l-provi fuq bilanc ta' probbabilita` u mhux li kellha l-konvinciment morali lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

"Huwa principju stabbilit li meta jkun jezisti dubju ragjonevoli dwar il-htija o meno tal-imputat, dan id-dubju ghandu jimmilita favur l-istess imputat, li ghalhekk ghandu jigi misjub mhux hati. Il-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Borg Tania**", gja citata, tenniet wkoll:

"*'.. fejn jezisti dubju ragjonevoli ghandu jkun hemm il-liberatorja.'*

"L-appellant umilment isostni li fil-kaz odjern kellu ghalhekk, a bazi tal-provi prodotti, fejn il-Qorti tidher li bbazat id-decizjoni ta' htija tieghu unikament fuq ix-xhieda ta' Patrick Sammut, ikun hemm l-imsemmija liberatorja."

**13.** Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti. Din il-Qorti għalhekk eżaminat il-provi kollha miġjuba quddiem l-

[2] 31 ta' Jannar 2013.

ewwel Qorti u semgħet ix-xiehda ta' Richard Vella, Patrick Sammut Ghigo u l-appellant.

**14.** Dan il-każ jirrigwarda inċident li seħħ fit-28 ta' Ottubru 2009 fil-Każin Laburista ta' Ħ'Attard u barra l-istess każin bejn l-appellant u Richard Vella. Sfortunatament battibekk wassal biex weġġgħu t-tnejn li huma. Hemm konflitt, pero`, bejn dak li jgħidu.

**15.** Richard Vella jgħid li beda jipprova joħroġ lill-appellant 'il barra mill-każin fuq struzzjonijiet tal-President tal-każin Simone Buhagiar. Dan wara xi diskors u atteġġjament mhux f'lokhom ta' l-appellant. Richard Vella jgħid li ċempel lil Simone Buhagiar bil-*mobile* u l-appellant insista li jkellimha. Ix-xhud għaddhielu l-*mobile*, l-appellant beda jargumenta magħha, ħareġ fil-bieb tal-każin u kif daħal sabbatlu l-*mobile*. Ix-xhud beda jipprova jikkalmah u bil-mod il-mod ħareġ lill-appellant 'il barra mill-każin. Richard Vella jgħid li waqt li kien qiegħed jagħlaq il-bieb tal-każin sakemm jaslu l-Pulizija. Kif għalaq il-bieba tal-lemin, l-appellant "ġie b'rankatura biex jisgassa l-bieb waqt li qed nagħlaq, u ovvjament jien kont inqbadt bejn il-bieb u l-antiporta". Skond dan ix-xhud, l-appellant baqa' dieħel u spiċċa bil-warrani ma' l-art u beda jħabbat b'idejh ma' l-art u jgħid "issawtunix għax jien għandi wieħed u sittin sena". Jgħid li ħadd ma missu lill-appellant. Il-*barman* beda jgħid lix-xhud biex iħalli lill-appellant f'idejh u hu jitlaq 'il barra. Richard Vella jgħid li hu ħareġ, l-appellant beda joffendieh u hu offendieh lura. Kif il-*barman* wasslu sal-karozza, l-appellant ħarablu u mar jiġri fid-direzzjoni tax-xhud li, peress illi kellu id minnhom tuġgħu, ippruva jilqa' bl-id l-oħra. Jgħid li l-appellant b'id waħda ħataflu l-flokk u bl-oħra ħataflu l-warda ta' wiċċu bid-dwiefer, il-*barman* leħqu u waqqgħu ma' l-art. Dak il-ħin l-appellant ipprova jigdimlu saqajh.

**16.** Skond l-affidavit ta' Dr Louise Gatt li eżaminat lil Richard Vella dakinhar stess u sabet li kellu: 1. Grif fuq in-naħa tax-xellug ta' wiċċu u wara widnejh; 2. Gundallu f'rasu fuq wara; 3. Qarsa fuq driegħu l-leminija, isfel; 4. Uġiegħ fil-minkeb ix-xellugi.

**17.** Skond l-appellant, l-argument inbeda minn Richard Vella meta saqsieh għaliex kien qiegħed jgħid kontra l-President. Richard Vella ċemplilha u qal lill-appellant li jekk huwa raġel ikellimha. Vella tah il-*mobile* u kellimha. Imbagħad jgħid: "Fis-siegħa u l-ħin Richard Vella ħadli l-*mobile* minn ġo idi, qabad u bl-akbar mod salvaġġ imbuttani ma' l-art bil-konsegwenza li idi ġiet taħti, hawnhekk, u bqajt bi ksur ta' idi...." Jgħid li spiċċa ma' l-art ħdejn il-bieb tal-*bar*. Vella mbuttah minn sidru, tilef il-bilanċ u waqa', b'żaqqu 'l fuq. Xi ħadd ghenu biex iqum mill-art u waqt li kien ħiereġ, Richard Vella nsulentah billi qallu li ma setax jidħol hemm għax imkeċċi mill-pulizija. Barra l-każin bdew jillitikaw ukoll. Ċaħad li mbotta l-bieb u li Richard Vella ġie marsus bejn il-

bibien. Il-ħoss li sema' l-*barman* ma kienx tal-bieb jinstabat imma tiegħu meta ġie mbuttat.

**18.** Ta' importanza hija x-xiehda tal-*barman* Patrick Sammut Ghigo li kkonferma li Richard Vella kien qiegħed jipperswadi lill-appellant joħroġ mill-każin u hu talab lil Vella jagħlaqlu l-bieb. Jgħid li x'ħin mar jaħsel it-tazzi, "smajt ħoss kbir, imma ħoss qisek qbadt mejda jew oġġett u sabbattu". Telaq kollox u sab lill-appellant kobba fl-art iżomm rasu. Vella kien ħdejn il-bieb. Jgħid illi l-appellant u Vella bdew jagħtu ġewwa u wara li ħariġhom 'il barra ġew fl-idejn barra.

**19.** Minn dak li qalu l-appellant, Richard Vella u Patrick Sammut Ghigo, din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-offiżi ta' natura ħafifa li ġarrab Richard Vella kienu nflitti mill-appellant. Huwa veru li x-xhud Victor Mamo xehed li Richard Vella mqabbad ma' l-appellant, iżda hu ma kienx preżenti għall-inċidenti li nqalgħu fit-28 ta' Ottubru 2009. Fiċ-ċirkostanzi, għal dawk l-offiżi għandu jwieġeb unikament l-appellant.

**20.** L-aħħar aggravju huwa dwar il-piena li l-appellant jgħid li għandha tkun aktar miti. Din il-Qorti rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant u minnha jirriżulta, almenu *prima facie*, li ma kellux skontri oħra mal-ġustizzja minn dan l-aħħar każ. Għalhekk sejra tagħti l-provvediment infraskritt.

**21.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabitu ħati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u minflok tiddikjara l-azzjoni preskritta fir-rigward ta' dawn l-imputazzjonijiet u minnhom tilliberah; tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' mitejn euro (€200) u minflok, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien sena millum, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-konfront tiegħu fil-bqija, b'dan illi l-obbligazzjoni a tenur ta' l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali sabiex l-appellant iżomm il-kwiet ma' Richard Vella u jżomm il-bon ordni pubbliku ma' kulħadd jibda jiddekorri millum.